MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 459/2000/1

**Avviz numru 459/2000DM**

**MAS Communications Ltd.**

**Vs**

**Advanced Computer Technology Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tmien mija tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm 898.61c) dovuta in kwantu ghal mitejn u tlieta liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm203.47c) bhala bilanc fuq fattura datata 20 ta' Novembru, 1998, in kwantu ghal mija u sebgha u tletin liri Maltin u tlieta u

erbghin centezmi (Lm137.43) fuq fattura ohra bid-data ta' l-20 ta' Novembru, 1998, in kwantu ghal tmienja u hamsin liri Maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm58.46c) fuq fattura datata 30 ta' Novembru, 1998, in kwantu ghal mitejn u erbghin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm240.21c) fuq fattura ohra datata 30 ta' Novembru, 1998 u in

kwantu ghal mitejn u disgha u hamsin liri Maltin u erba' centezmi (Lm259.04c) fuq fattura datata 30 ta' Dicembru, 1998 (kopji lkoll annessi mal-avviz u mmarkati minn Dok. 'A' sa 'E' rispettivament), ghal xogholijiet ta' *artwork*, fotografija*, booking orders, scanning* u *bromide*, kif deskritt ahjar fl-istess fatturi.

Bl-ispejjes tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tat-12 t'Ottubru, 1999 u ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2000 kopji annessi mal-avviz u mmarkati rispettivament dokumenti 'F' u 'G' flimkien ma' spejjez ohrajn relatati ghal din il-kawza u bl-imghaxijiet kollha kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dokumenti esebiti

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuti fejn dawn eccepew li:

1. Kwalsiasi somma li tista' tkun dovuta lill-atturi hija *se mai* ferm inferjuri ghal dak mitlub minnhom billi ma sarux ix-xoghlijiet ghal liema jirreferu l-fatturi in kwistjoni.
2. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-process u

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-konvenuti pprezentaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, huma ma pproducew l-ebda provi biex jirribattu l-allegazzjonijiet ta' l-atturi li minn naha taghhom waslu ghall-provi illi huma effettivament kienu ghamlu x-xoghlijiet indikati fl-avviz u ta' dawn ix-xoghlijiet ghandhom jithallsu l-ammonti li huma mitlubin fl-avviz. Rat ukoll id-dokumenti kollha esibiti mill-atturi, hemm prova ta' l-allegazzjoni taghhom. Inoltre l-konvenuti ma baghtu ebda rapprezentant taghhom sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tmien mija, tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm898.61c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Jannar ta' l-1999; u

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------